VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,009, 28 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 480 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Sustainable Land and Real Estate Management taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għal-Higher Diploma in Sustainable Land and Real Estate Management taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli;

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Sustainable Land and Real Estate Management; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Higher Diploma in Sustainable Land and Real Estate Management.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-applikanti li jidħlu skont ir-regolament 2.2 (a) (iii) tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom ikollhom dawk il-kwalifiki u / jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-Bord li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. L-eliġibilità ta' dawn l-applikanti għandha tkun deċiża mill-Bord, wara intervista mmexxija minn bord maħtur għal dan il-għan.

(3) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 90 krettu.

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Higher Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba, bil-kretti kollha miksuba jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Higher Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

8. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.